# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Aaron Azzopardi

Illum 17 ta Marzu, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta'Aaron Azzopardi bin N/A imwieled u joqghod 69, Triq il-Grazzji, Sqaq nru 3, Zabbar ID 76187M.

Billi int akkuzat talli fit-17 ta' Awwissu, 2023 ghall-habta ta' 06.30 hrs f'Triq is-Santwarju, Haz Zabbar soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni GCG506;

1. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolmenti, nvolontarjament ikkagunajt feriti ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Ruth  Zammit Art 226(1)(c) Kap 9

2. Soqt  vettura tal-ghamla Citroen b`numru tar-registrazzjoni  GCG 506 b`manjiera traskurata
3. Soqt  vettura tal-ghamla Citroen b`numru tar-registrazzjoni  GCG 506 b`manjiera perikoluza

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu226(1)(c) tal-Kap 9 u Art 15(1)(a) Art 15 (1A) 15(2) kap 65 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat x-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

PS 2379 S Zammit xehed permezz ta` affidavit

**<u>Ruth Zammit, ID:494972M, xehdet hekk</u>**

Pros:	Sinjura Zammit kellek xi inċident inti?

Xhdu:	Iva.

Pros: Spjega l-Qorti meta fejn u kif ġara?

Xhud: Mela jiena normali noħroġ nimxi fil-għodu għamilt il-mixja is-soltu fi 17 t'Awwissu 2023 Ħaż-Zabbar kif wasalt xis-6.30 ta` filghodu kif wasalt triq is-santwarju hemm zebra cross fejn kienet pjazza qabel kienu jipparkjaw tal-linja qiegħda maqsuma f'biċċtejn wahda titħares on the right biex taqsam il-biċċa l-oħra titħares on the left. Qsamt l-ewwel wahda kif wasalt f'nofs iż-żebra cross tat-tieni wahda rajt vann ġej fuqi jiena dak il-ħin ippanikjajt u ppruvajt ngħaġġel qisni rrid niġri biex ma niġix taħt il vann, sfortunatament laqatni bil-mudguard u tefgħani mal-art.

Pros: Taf min kien qed isuq il-vann sinjura?

Xhud: Naf li raġel, jiġifieri nafx x'jismu issa jiġifieri Aaron.

Pros: Jekk tħares ġo dil-awla taghrfu?

Xhud: Mhinix certa.

Pros: Ħa nurik xi erba' ritratti sinjura Zammit il-vann li semmejt dak hu?

Xhud: Naf li kien vann tal-kumpanija iva imma ma qgħadtx nara li n-number plate.

Avu: Dawk ir-ritratti minn hadhom?

Pros: Is-surgent qeghdin fl-affidavit. Meta qed tgħidilna kont qed timxi inti eżattament fi triq hawnhekk f'liema punt tat-triq kont qed timxi x`hemm hemm qed nurik ritratt A.

Qorti: Dawk ir-ritratti min hadhom?

Xhud: Jiena.

Qorti: Imma mhumiex tal-incident?

Xhud: Le biex nurikom fejn sehh l-incident.

Qorti: Mela DOK RZ 1 sa DOK RZ 4.

Pros: Spegalna x`inhuma dawk ir-ritratti?

Xhud: Daw huma ritratti peress li iz-zebra cross hija maqsuma fi tnejn hadt ritratt naha u ohra.

Qorti: Inti liema zebra crossing kont fuqu?

Xhud: Ha nimmarkalek fuq ir-ritratt.

Qorti: Jiġifieri inti kont qsamt l-oħra jew din l-ewwel żebra crossing?

Xhud: Le it-tieni wahda dik it-tieni wahda.

Qorti: U dawk x`imhuma toroq car park x`inhu hawn gew minn fejn kont qed taqam int?

Xhud: Hemmekk parking.

Qorti: Iz-zebra crossing qiegħda fil-bokkaturi tal-car parks nassmu minn fejn jidħlu u joħorġu?

Xhud: Għalhekk għedtlek wahda tidħol u wahda toħroġ.

Pros: Dak il-ħin kien id-dawl sinjura?

Xhud: Kien qed ibexbex ma kienx dlam.

Pros: Konsegwenza ta' dan l-inċident x'garalek?

Xhud: Jiena meta ħaduni l-isptar kelli irkuppteja u jdejjaq għamluli l-X-Rays u sakemm wasalt bl-ambulanza qabad juġagħni ghonqi għamluli X-Ray f`ghonqi immedjatament ifhimni l-emerġenza ma domtx għax bagħtuni d-dar pero filgħaxija kelli nagħmel appuntament privat mal-professur. Issa hemmhekk hemm karta li f'Settembru għamluli l-MRI

u għandi tliet rukkelli minn ghonqi li huma qed iżommuli plus hekk għandi irkupteja qed nistenna operazzjoni.

Qorti: Jiena hfief ghandi.

Avu: Għandek xi dokumenti oħra biex tippreżentahom il-Qorti?

Xhud: Le jiena li mort ghand il-professur filgħaxija u dik. Wahda li mort għand il-professur privat filgħaxija u l-oħra tal-MRI ta' ghonqi ta` dakinhar stess tal-inċident.

Pros: M'għandniex iktar mistoqsijiet.

Avu2: Mela għal sinjura mistoqsija wahda jew wahda inti kont qed timxi, b`liema pass kont qed timxi u kontx waħdek jew le?

Xhud: Kont waħdi nimxi normali.

Avu2: Jekk ngħidlek illi meta inti wasalt fuq żebra crossing tispjega l-Qorti x'għamilt mela ġejt fuq it-tieni żebra crossing. X'għamilt xi pruvajt tagħmel?

Xhud: Ħarist rajt li ġejjin karozzi tajjeb kont wasalt biss in-nofs tas-zebra cross u nara l-vann ġej fuqi dak il-ħin tippanikja. Jiena dak il-ħin għedt għal taħt il-vann ġrejt ftit u laqatni bil-mudgauard.

Avu2: Ara nghidlekx sew li inti kont gejt fuq lejn żebra crossing il-viżwali tiegħek lejn allura lejn ix-xellug għandek viżwali tajba tal-vetturi li ġejjin lejk għax it-traffiku hemmhekk ħaż-Zabbar jitla' fuq lejk naqblu t-traffikar sar fuq?

Xhud: Iva.

Avu: Mela kellek viżwali tajjeb inti għidt li ħarist lejn liema naħa lejn ix-xellug jew il-lemin?

Xhud: Ovvja in-naħa minn fejn ħa jidħol il-vann?

Avu: Mela fuq il-lemin naqblu?

Qorti: Il-vann rajtu jew ma rajtux qabel ma laqqtek sinjura?

Xhud: Le jiena sa kemm ħarist ma kien hemm xejn ma rajt xejn imbagħad kif wasal f'nofs iz-zebra cross narah qed kikser fuqi.

Avu: Ara sinjura qed nissuġġerilek li inti fil-fatt ma ħaristx lejn ix-xellug u ħa ngħidlek għaliex ma ħaristx imbagħad għidli ghaliex m' intix qed taqbel miegħi għaliex il-viżwali tiegħek lit-traffiku li tiela għandek xi 30m jien mort fuq is-sit u għandi ritratti tajjeb allura dan il-vann kif jista' jkun inti jekk verament ħarist u trid il-Qorti temnek dak li qed tixhed inti ma rajtu qatt dal-vann gie minn fuq spjega li l-Qorti?

Xhud: Meta meta l-vann kien tieghla rajt jiena x`hin kont qed naqsam zebra cross jiena il-vann ma rajtux ġej b'hekk qsamt ghax jien m'iniex miġnuna.

Avu: Issa mela inti ma rajtux ma ġara xejn nimxu ftit inti bid-daqqa kemm il metru tefak l`hemm?

Xhud: La ma mortx il-bogħod.

Avu: Mela inti għedt il-Qorti illi ma tefakx l`hemm mela waqajt għidli inti pied tnejn tlieta, bil-vettura waqajtt mal-vettura waqajtt fuq zebra crossing l-ewwel nett jew barra minn żebra crossing?

Xhud: Fuq żebra cross.

Avu: Waqajt stess mhux żero crossing tajjeb mela ħa nagħmillek suġġeriment sinjura li l-vann la waqajt fuq iż-żebra crossing il-vann ma darx b'saħħtu għax kieku ma spiċċajtx zebra crossing s`hemm qed naqblu qed naqblu li vama darx b`sahhtu?

Xhud: Iva.

Avu: Mhux hekk ħa nagħmillek suġġeriment ieħor sinjura illi meta inti avvicinajt lis-zebra crossing kif jagħmlu ħafna nies inti il-pass ħaffiftu?

Xhud: Jiena mxejt normali.

Avu: X'inhu normali tal-pass tiegħek?

Xhud: Kif nimxi normali s-soltu fit-triq.

Avu: In nies timxi bil-mod litri timxi tgħaġġel fi triq dik il-mistoqsija tiegħi?

Xhud: Xejn normali relevanti.

Avu: Xejn iktar.

**<u>Aaron Azzopardi,xehed hekk :</u>**

Avu: Tajjeb sur Azzopardi, inti smajt is-sinjura tixhed, mela issa insa x' qalet hi għidli għalissa x'għamilt int minn fejn kont ġej u x'manuvri u mhux manuvri ghamilt?

Xhud: Mela naqblu li 17 t'Awwissu 2023, hemm jiena dort għal ġol-pjazza.

Avu: Fejn kont lokalita'?

Xhud: Ħaż-żabbar, issa jiena dħalt hemm għal ġol-pjazza fejn is-sinjura, jiena għandi ħafna kontrijja għax hemm siġar u pjanti li qed jimblukkawli it-triq.

Qorti: Kont taf li hemm zebra crossing hemm?

Xhud: Iva kont naf, issa il-jiena kulma qrajt lilha taħbat mal-madgard tan-naħa tal-passiġġier.

Qorti: Fuq ż-żebra crossing kienet?

Xhud: Fuq iz-zebra crossing iva.

Avu: Issa f'liema parti taż-żebra crossing kienet min ħa nibdew minn qabel meta ġejt biex iddur sewwa x'għamilt inti ġejt biex iddur x'għamilt?

Xhud: Jiena ħarist ovvjament lejn lejn in-naħa tal-fejn ħa nikser fejn iz-zebra crossing.

Avu: U lilha b'xi mod fuq iż-żebra crossing rajtha?

Xhud: Le jien kull ma qrajt par idejn jaħbtu mal-madgard tan-naħa tal-passiġġier, jiġifieri jien ma laqtitx fin-nofs tal-bonnet kif qalet is-sinjura.

Avu: Fejn ilqatta allura?

Xhud: Fuq fuq il-madgard tan-naħa tal-passiġġier.

Avu: Xejn aktar.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat wera nuqqas ta` *proper lookout* meta kien qed javvicina zebra crossing u is-sewqan tieghu kien fi grad ta' traskurat u bhekk tirrizulta t-tieni (2) imputazzjoni u mhux it-tielet (3) L-ewwel (1)imputazzjoni ma tirrizultax stante li ma hemmx certifikat mediku mahluf in atti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat artikolu226(1)(c) tal-Kap 9 u Art 15(1)(a) Art 15 (1A) 15(2) kap 65 u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Aaron Azzopardi hati tat-tieni imputazzjoni fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal multa ta' elf u mitejn euro (1200) u ghaxar (10 )punti mill-licenzji tieghu tas-sewqan u skwalifika mill-licenzji tas-sewqan ghal zmien xahar (1)u tilliberah minn kull htija u piena rigwardanti l-ewwel u t-tielet imputazzjoni.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**